MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru. 906/2012

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Stefan Vassallo, iben Raymond, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Ġunju, 1991, karta ta’ l-identita’ numru 323691(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli bejn il-21 u l-24 ta’ Ġunju, 2012 f’dawn il-Gżejjer, xjentementlaqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ mobile phone ta’ l-għamla Iphone 4S ta’ valur li jeċċedi l-ammont ta’ €232.94 iżda anqas minn €2,329.37, jew xjentement b’kull mod indaħal biex ibiegħu jew imexxih.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Rat illi l-mobile phone ġie ritornat lil sidu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------